# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 871/2015/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kris Farrugia**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Kris Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 538093(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, f'dawn il-Gżejjer, bejn ix-xhur ta' Frar 2015 u Awwissu 2015, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, li barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

2. in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta sabiex l-uffiċċjal, jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, sabiex l-uffiċċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

4. irċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi f'Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. sew jekk kellu, kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, u liema eżazzjoni kontra l-liġi saret b'abbuż ta' awtorita';

6. irrenda ruħu kompliċi fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil awtorita' pubblika a tenur ta' Artikoli 42 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 199 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar 2022 fejn il-Qorti, filwaqt li (fuq nuqqas ta' provi) illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha għajr għat-tielet (3) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 18 u 115(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tat-tielet (3) imputazzjoni biss u b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu għal sentejn (2) priġunerija li ġew sospiżi għal erba' (4) snin. *Ai termini* ta' Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat ukoll lill-imputat għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali temporanja għal żmien tliet (3) snin dekorribbli mid-data tas-sentenza. Finalment, l-Ewwel Qorti spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-Rikors tal-appell ta' Kris Farrugia ppreżentat fis-17 ta' Frar 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata kif ġej: (a)* ***tikkonfermaha*** *fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati u minnha lliberatu ċjoè l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-ħames (5), u s-sitt (6) imputazzjonijiet; (b)* ***tħassarha u tirrevokaha*** *fil-parti fejn sabitu ħati ċjoè t-tielet (3) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi;* ***alternattivament u mingħajr preġudizzju****, f'każ li dan l-appell ma jintlaħaqx, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-22 ta' Frar 2022 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti talab lil din il-Qorti sabiex: *"1.* ***TIDDIKJARA*** *tali*

*sentenza nulla u tipproċedi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi 2. Jew alternattivament, f'każ li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel u t-tieni aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza, tirriforma s-sentenza appellata billi* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellat fit-tielet imputazzjoni, u* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Kris Farrugia ħati tar-raba' u s-sitt imputazzjoni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-31 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat appell kemm mill-Avukat Ġenerali u kif ukoll minn Kris Farrugia b'dan illi din is-sentenza preliminari hija limitata biss dwar it-tieni aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu u hija għal din ir-raġuni li f'din is-sentenza preliminari Kris Farrugia ser jiġi riferut bħala l-appellat mentri l-Avukat Ġenerali bħala l-appellant.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat Kris Farrugia eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 479), l-appellant Avukat Ġenerali rtira l-ewwel aggravju tiegħu.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

<u>Illi din hija sentenza dwar it-tieni aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali</u>. F'dan l-aggravju l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti bħala nulla u filwaqt li jgħid li meta l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għar-raba (4) imputazzjoni u hija kkonkludiet li Artikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għal każ in kwistjoni u fejn illiberat lill-appellat Kris Farrugia mill-imsemmija imputazzjoni, huwa jisħaq li l-appellat ma ġiex mixli bir-reat ikkontemplat f'Artikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda b'Artikolu 121A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija nieqsa minn wieħed mill-elementi essenzjali u li għalhekk is-sentenza msemmija għandha tiġi annullata *ai termini* ta' Artikolu 413(1)(viii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tinnota li l-Artikolu tal-liġi msemmi mill-Avukat Ġenerali fit-tieni aggravju tiegħu u ċjoè Artikolu 413(1)(viii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeżistix. Jidher li l-Avukat Ġenerali ried jirreferi għal Artikolu 413 (1)(b)(viii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "(1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati –
>
> [...]
>
> (b) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:
>
> [...]
>
> (viii) id-deċiżjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minħabba nuqqas ta' formalita' jew minħabba ħtiġiet ta' proċedura; [...]."

Illi kemm mill-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali kif ukoll mis-sottomissjonijiet li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 486 *et seq.*) din il-Qorti tifhem li l-ilment imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali jirrelata mal-formalita' li jrid ikun fiha s-sentenza. F'dan ir-rigward l-appellant jispjega li meta l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat Farrugia mir-raba' (4) imputazzjoni hija bbażat ir-raġunament tagħha fuq l-artikolu żbaljat.

Illi din il-Qorti tinnota li Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi dwar il-formalita' li jrid jkun fiha sentenza din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' April 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Galea** (Numru 44/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi għalhekk skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.
>
> Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-

Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]"; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]"; "**Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6]" u oħrajn).

**Illi ġie ritenut ukoll li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio" (kif għamlet din l-istess Qorti għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan.** (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[8]" u oħrajn)."

Illi din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' April 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Sciberras** (Numru 149/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi n-nullita' appena deċiża hija waħda parzjali u tirreferi biss għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet ħtija. *"It-tħassir tas-sentenza japplika **biss** għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellat **jinstab ħati**. Dan hu hekk peress li, l-ewwel nett, l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeżiġi li tkun indikata d-dispożizzjoni tal-liġi biss fejn tkun qed tinstab ħtija u mhux ukoll f'każ ta' liberazzjoni; u t-tieni nett, il-għaliex kieku kien mod ieħor, ikun qiegħed indirettament ikun estiż id-dritt ta' appell tal-Avukat Ġenerali bi ksur ta' l-Artikolu 413(1)(b). - **Il-Pulizija vs. Charles Micallef App. Krim. 23.6.1995 VDG (Koll)**.* Ara ukoll **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia** 13.1.1995 VDG (Koll); **Il-Pulizija vs. Katya Victoria Camilleri** – App. Krim. 19.10.2006 ċitata

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Ġunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' April 2002.
[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar 2006.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005.
[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005.

> fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Mark Attard** 289/2006 DS – 19.5.2008."

Illi din il-Qorti tinnota li l-imputazzjoni li dwarha qed tintalab in-nullita' tas-sentenza appellata fiha l-liberatorja b'dan illi fid-*decide* tagħha l-Ewwel Qorti qalet hekk: *"qed issib lill-imputat Kris Farrugia ħati biss tat-tielet (3) akkuża [...]. Filwaqt, li tilliberah mill-akkużi l-oħra kollha fuq nuqqas ta' provi."* Huwa paċifiku li meta l-Ewwel Qorti tillibera imputat hija ma għandhiex għalfejn issemmi artikoli tal-liġi partikolari iżda huwa neċessarju li ssemmi l-artikolu/i tal-liġi li abbażi tagħhom issib ħtija. Din il-Qorti hija sodisfatta li dan sar fis-sentenza appellata.

Illi minkejja li fis-sentenza appellata fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar imputazzjoni partikolari l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal artikolu tal-liġi partikolari (minn liema imputazzjoni eventwalment ma nstabitx ħtija), dan l-Artikolu ma ġiex ikkwotat fid-*decide* tas-sentenza appellata (u anqas kien hemm bżonn li jsir riferenza għaliha ġialadarba kien hemm liberazzjoni mill-imputazzjoni in kwistjoni). Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma jikkostitwixxix nuqqas fil-formalita' kif intalab mill-Avukat Ġenerali fl-aggravju in eżami.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Isabella Mifsud** (Numru 414/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fi kwalunkwe każ dikjarazzjoni mill-Ewwel Qorti illi tgħaddi għal liberatorja tal-persuna akkużata minħabba kunflitt fil-provi ċertament ma twassalx għal xi nullita' tad-deċiżjoni impunjata minħabba xi difett proċedurali jew xi nuqqas ta' formalita' meħtieġa *ad validitatem*. Jekk l-Avukat Ġenerali dehrlu illi l-Ewwel Qorti malament illiberat lill-appellata minħabba dan il-kunflitt billi l-provi fil-fehma tiegħu kienu inekwivoċi, allura messu sejjes il-lanjanza tiegħu fuq l-apprezzament magħmul fid-deċiżjoni impunjata u

> mhux fuq l-aggravvju ta' nullita' abbażi ta' l-Artikolu 413(1)(viii)."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ċċitat u mhux talli tagħmlu tagħha, talli applikah għal każ in eżami u b'hekk, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li din il-Qorti ser tiċħad it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tieni aggravju hekk kif kontenut fl-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**